Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 341/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charlot Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charlot Aquilina talli:

(A) Nhar-il 21 t' April 2003 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti u f'postijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(B) Nhar il-21 t'April 2003, mill-hanut 'Marken' li jinsab fil-Pjazza Antoine de Paule, Rahal Gdid, ikkommeta serq ta' 'video digital camera', tal-ghamla Casio, mudell Exilim,

2.0 mega pixels EX-M2 bin-numru tas-serje N783059199D, liema video digital camera tiswa mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220). Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta' video digital camera tal-ghamla Casio, mudell Exilim 2.0 mega pixels EX-S2 u bin-numru tas-serje N7830783633C, liema video digital camera tiswa mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm185). Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll serq ta' video digital camera ta' l-ghamla Casio, mudell Exilim 1.2 Mega Pixels EX-S1 u bin-numru tas-sere N783045790A, liema video digital camera tiswa mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm 145) ghad-detriment ta' Mark Tabone mill-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta ta' haga misruqa;

(C) Nhar-it 8 t'April 2003, mill-hanut 'Marken' li jinsab fil-Pjazza Antoine de Paule, Rahal Gdid, ikkommeta serq ta' zewg video cameras ta' l-ghamla JVC mudelli GR-DVX 400 EG bin-numru tas-serje 13751692 u GR-DVL 160 EG bin-numru tas-serje 137H9006 li jiswew hames mija u hdax-il lira Maltin (Lm 511) il-wiehed, ghad-detriment ta' Joseph Tabone mill-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa;

(D) Sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbiliti bil-ligi, tapplika ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru, 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charlot Aquilina mhux hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom u, wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 271, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghamlet Ordni ta' *Probation* li permezz tieghu qieghdet lill-imsemmi Charlot Aquilina taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* li ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghal perijodu ta' tliet snin mid-

data tas-sentenza appellata u taht il-kondizzjonijiet indikati fis-sentenza u fl-istess Ordni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-20 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tiddikjara li ma saritx formalita` sostanzjali li trid il-ligi u, wara li terga’ tisma’ l-provi kollha u tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu, issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u timponi fuqu l-piena mehtiega u xieraq fic-cirkostanzi ai termini tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi mis-sentenza appellata ma tirrizultax il-htija jew in-nuqqas ta’ htija ta’ l-appellat stante dikjarazzjonijiet konfliggenti ta’ l-ewwel Qorti. L-appellant jirreferi ghal dak il-paragrafu fis-sentenza appellata (f’pagna 8 ta’ l-istess sentenza) fejn jinghad hekk: *“Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tal-ewwel u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda qed tiddikjarah mhux hati tal-ewwel u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.”* Evidentement hawn ghandna dikjarazzjoni kontradittorja. Pero` wara din id-dikjarazzjoni, l-ewwel Qorti taghmel diversi konsiderazzjonijiet dwar il-piena u meta tasal biex taghti d-decizjoni taghha, effettivament iddikjarat lill-appellat *“mhux hati tal-ewwel u t-tielet akkuza”* u *“hati tat-tieni u r-raba’ akkuza”*. Din id-decizjoni fil-fatt tirrispekkja l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-fatti fis-sentenza taghha. Jigifieri huwa car daqs il-kristall dwar liema imputazzjonijiet l-ewwel Qorti kienet qed issib il-htija u dwar liema ma kinitx qed issib il-htija. Dak li hemm zbaljat fil-paragrafu fuq citat ma jistax ma jitqiesx hlief *lapsus calami* li ma giex rispekkjat fil-parti deciziva tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------